MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 354/2001/1

**Paul Caruana**

**vs**

**Global Executive Search (Malta) Limited, Rudolphe Gaerty, Ronald Gearty u Ondine Gaerty**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 2 ta’ Marzu 2001 fejn l-attur espona:-

Illi diversi snin ilu, l-attur kien beda u avvja attivita` kummercjali konsistenti fl-ufficcju rapprezentattiv f’Malta tas-socjeta` estera M.S.I. International (gia` S.C.I. (U.K.) Limited) in konnessjoni mal-gestjoni ta’ negozju ta’ *headhunting agency* sabiex tidentifika kandidati potenzjali u tikkonkludi kuntratti in konnessjoni ma’ impieg fis-settur bankarju, finanzjarju u setturi ohra fis-suq internazzjonali;

Illi permezz ta’ Skrittura Privata datata 16 ta’ Gunju 1997, li kopja taghha hi annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. A, l-attur kien ittrasferixxa lill-konvenut Rudolphe Gaerty, l-imsemmija attivita` kummercjali, bil-kundizzjonijiet u modalitajiet hemm indikati, u senjatament id-dritt tal-attur ghall-hlas minghand il-konvenut Rudolphe Gaerty, ta’ kummissjoni in konnessjoni mal-*placements* kollha maghmula mill-istess konvenut Rudolphe Gaerty;

Illi minn kalkolazzjonijiet maghmula mill-attur irrizulta illi l-konvenut Rudolphe Gaerty kien qed ihallas biss frazzjoni mill-kummissjoni dovuta lill-istess attur *ai termini* tal-imsemmija Skrittura Privata (Dok. A);

Illi ghalhekk fit-23 ta’ Frar 1998, l-attur kien intavola proceduri gudizzjarji fl-ismijiet “Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty” (Cit. Nru. 369/98/AJM), liema proceduri ghadhom pendenti quddiem din il-Qorti, u wkoll talab u ottjena l-hrug ta’ Mandati Kawtelatorji in konnessjoni mal-istess;

Illi permezz ta’ ittra datata 14 ta’ Frar 2000 mibghuta minn MSI International lill-konvenut Rudolphe Gaerty, u kkopjata lill-attur, li kopja

taghha hi annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. B, is-socjeta` MSI International ipprezentat ruhha illi kienet qieghda tittermina l-licenzja moghtija lill-konvenut Rudolphe Gaerty sabiex jopera ghan-nom taghha kif fuq premess;

Illi l-kontenut tal-imsemmi ittra, kemm in kwantu l-allegata terminazzjoni u kif ukoll ir-ragunijiet ghall-istess, gew immedjatament ribattuti mill-attur, skont ma jidher mill-ittra mibghuta ghan-nom tieghu, li kopja taghha hi annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. C;

Illi sussegwentement, irrizulta minn ricerki maghmula mill-attur illi, fil-fatt, in-negozju kollu ta' MSI International baqa' kontinwament u interrottament, u ghadu fil-fatt qieghed jigi gestit f'Malta taht id-direzzjoni diretta tal-konvenut Rudolphe Gaerty, izda flok fil-kwalita` personali tieghu, *tramite* s-socjeta` konvenuta Global Executive Search (Malta) Limited;

Illi kif jidher mill-iStatut tas-socjeta` konvenuta Global Executive Search (Malta) Limited, li kopja tieghu hi annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. D, l-azzjonisti tal-istess socjeta` konvenuta huma l-konvenuti Ronald Gaerty u Ondine Gaerty, missier u oht il-konvenut Rudolphe Gaerty, illi b'danakollu jirrizulta fil-fatt illi m'ghandhom l-ebda konnessjoni mal-gestjoni tan-negozju *de quo,* li hija kollha kemm hi fdata direttament f'idejn il-konvenut Rudolphe Gaerty, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi jidher ghalhekk illi s-socjeta` konvenuta Global Executive Search (Malta) Limited giet kostitwita manifestament u unikament bl-intiza illi jigu

eluzi, b'mod frawdolenti, il-pretensjonijiet tal-attur, ga` dedotti gudizzjarjament, kif fuq premess;

Illi ghalhekk il-*placements* kollha maghmula mis-socjeta` konvenuta Global Executive Search (Malta) Limited, in kwantu maghmula bi skop frawdolenti, ghandhom jigu komputati fl-ammonti dovuti lill-attur *ai termini* tal-iSkrittura Privata (Dok. A);

Illi *inoltre* l-agir frawdolenti hawn fuq premess jikkomporta r-responsabbilta` personali wkoll tal-konvenuti Ronald Gaerty u Ondine Gaerty;

Illi ulterjorment, f'dawn ic-cirkostanzi ta' frodi, il-konvenuti kollha ghandhom jigu tenuti responsabbli *in solidum* bejniethom ghall-hlas tal-ammonti kollha li jirrizultaw bhala dovuti lill-attur *ai termini* tal-iSkrittura Privata (Dok. A) fil-kawza fl-ismijiet "Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty" (Cit. Nru. 369/9,8/ AJM);

Illi ghalhekk dina il-kawza hija konnessa mal-istess kawza fl-ismijiet "Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty" (Cit. Nru. 369/98/AJM) u ghandha tigi mismugha kontestwalment maghha *ai termini* tal-Artikoli 792 u 793 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex: -

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` konvenuta Global Executive Search (Malta) Limited qieghda tagixxi u tigi utilizzata sabiex jigu eluzi,

b'mod frawdolenti, il-pretensjonijiet tal-attur *ai termini* tal-iSkrittura Privata tas-16 ta' Gunju 1997, kif fuq premess;

2. Tiddikjara u tiddeciedi konsegwentement illi l-*placements* kollha maghmula mis-socjeta` konvenuta Global Executive Search (Malta) Limited gew maghmula b'intenzjoni frawdolenti f'dak li jikkoncerna l-attur, u ghalhekk ghandhom jigu debitament komputati ghall-finijiet tal-kalkolazzjonijiet tal-kummissjoni dovuta lill-attur *ai termini* tal-istess Skrittura Privata tas-16 ta' Gunju 1997;

3. Tillikwida, *occorrendo* bl-opera ta' periti nominandi, l-ammont totali ta' kummissjonijiet dovuti lill-attur mis-socjeta` konvenuta Global Executive Search (Malta) Limited, kif fuq premess;

4. Tiddikjara u tiddeciedi konsegwentement ghat-tieni (2) talba hawn fuq indikata, illi l-konvenuti Rudolphe Gaerty, Ronald Gaerty u Ondine Gaerty huma personalment responsabbli *in solidum* bejniethom ghall-hlas tal-ammonti kollha pretizi mill-attur *ai termini* tal-iSkrittura Privata tas-16 ta' Gunju 1997 u li jirrizultaw dovuti kemm fil-kawza fl-ismijiet "Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty" (Cit. Nru. 369/98/AJM) u kif ukoll in segwitu ghar-raba' (4) talba hawn fuq maghmula.

5. Tikkundanna lill-konvenuti kollha *in solidum* bejniethom ghall-hlas tal-ammonti kollha li jirrizultaw dovuti lill-attur kemm fil-proceduri fl-ismijiet "Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty" (Cit Nru 369/98/AJM) u kif ukoll in segwitu ghat-tielet (3) u r-raba' (4) talbiet hawn hekk maghmula.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandati Kawtelatorji u interessi legali kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-25 ta' April 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Global Executive Search (Malta) Limited datata 15 ta' Marzu 2001 (fol 31) fejn esponiet :

1. Illi t-talbiet tal-attur fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-konvenuta esponenti ma ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attur u *stante* illi ma hemm l-ebda ness bejn il-konvenuta esponenti u l-attur li taghti lok illi t-talbiet tal-attur jigu milqugha u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, b'riserva ta' kwalsiasi azzjoni ghad-danni spettanti lill-esponenti, inkluzi d-danni rizultanti mill-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 477/01 u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 476/01 ghal tliet mitt elf lira kull wiehed.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Ronald Gaerty u Ondine Gaerty datata 15 ta' Marzu 2001 (fol 40) fejn esponew :

1. Illi t-talbiet tal-attur fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-konvenuti esponenti ma ghandhom ebda relazzjoni guridika mal-attur u *stante* illi

ma hemm l-ebda ness bejn il-konvenuti esponenti u l-attur li taghti lok illi t-talbiet tal-attur jigu milqugha u ghal daqstant ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, b'rizerva ta' kwalsiasi azzjoni ghad-danni spettanti lill-esponenti.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Rudolphe Gaerty datata 9 ta' April 2001 (fol 44) fejn espona :

1. Illi preleminarjament, l-ewwel talba attrici hija guridikament insostenibbli *stante* illi din Onorabbli Qorti bhala Qorti Civili m'ghandhiex il-kompetenza tikkonverti lilha nnifisha f'Qorti Kriminali biex tiddikjara u tiddeciedi allegat agir frawdolenti, u ghalhekk l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur.

2. Illi wkoll *in linea* preliminari u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-intempestivita` ta' dawn il-proceduri *stante* l-fatt li l-attur ga qed jiddeduci l-istess pretensjoni tieghu fil-konfront tal-esponenti quddiem din l-Onorabbli Qorti, diversament ippreseduta, permezz tac-Citazzjoni Numru 369/98 AJM fl-ismijiet "Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty" li qed tigi kkontestata mill-esponenti.

3. Illi wkoll *in linea* preliminari u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* l-fatt li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi hekk kif jidher minn notifika li saret mill-Vici President tas-socjeta` estera M.S.I. International (gia S.C.I. (UK) Limited) lill-attur Paul Caruana, nhar is-sitta (6) ta' Gunju 1997, li kopja

taghha hi annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. A, l-inkarigu ta' l-attur bhala institur kien gie terminat konsegwenza tal-imsemmija ittra.

4. Illi fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponenti m'ghandu jaghti l-ebda ammont lill-attur ghaliex l-attur kellu relazzjoni guridika diretta mas-socjeta` estera MSI International f'dak li jirrigwarda xoghol u obbligi pendenti li sar qabel id-data effettiva tal-imsemmija skrittura privata, u ghaldaqstant l-ebda hlasijiet li kienu jaqghu taht 'old activity', kif ser ikun trattat, ma gew mghoddija lill-esponenti, tant li l-attur kien infurmat mis-socjeta` estera li x-xoghol kollu pendenti bejniethom kien ser jitqies "per our agreement" (per Dok. A).

5. Illi fit-tielet lok, ukoll minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponenti gia ghadda lill-attur il-kummissjoni ta' hames punti percentwali (5%) dovuta lilu a bazi tal-Iskrittura Privata datata 16 ta' Gunju 1997 msemmija fl-att tac-citazzjoni ghal dak li jirrigwarda xoghol li sar mid-data effettiva 'l quddiem li jaqghu taht 'new activity', hekk kif jirrizulta minn 'Statement of Account' kompilat mill-fuq imsemmija socjeta` estera, li kopja tieghu hi annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. B.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**Rat il-kontro-Talba tal-konvenut Rudolphe Gaerty a fol 46 tal-process fejn espona:**

Illi nhar is-16 ta' Gunju 1997, in virtu ta' l-iskrittura privata msemmija fl-att tac-citazzjoni, l-attur obbliga ruhu li jittrasferixxi lill-esponenti *in toto* attivita` kummercjali konsistenti fl-ufficcju rapprezentattiv hawn Malta

tas-socjeta` estera MSI International, li n-natura ta' l-attivita' hija wahda ta' *head hunting*, ghall-kunsiderazzjoni finanzjarja kontemplata fis-seba' artiklu ta' l-imsemmija skrittura privata.

Illi minhabba l-agir xejn responsabbli u xejn professjonali, u ghal kollox kontra s-"smooth transition" rikjesta mis-socjeta` estera MSI International kif ukoll kontra dak miftiehem fl-imsemmija skrittura privata, in-nuqqasijiet ta' l-attur Paul Caruana wasslu biex fl-14 ta' Frar 2000, MSI iddecidew illi isimhom ma jibqax konness bl-ebda mod ma' Paul Caruana.

Illi ghar-ragunijiet fuq premessi, MSI International itterminaw l-institura tal-konvenut esponenti Rudophe Gaerty u konsegwentament gie terminat anke l-impjieg tal-impjegati tal-MSI f’ Malta.

Illi t-telf ta' rapprezetazzjoni tas-socjeta` estera MSI Inlternational hija attribwibbli unikament ghall-agir irresponsabbli u xejn professjonali ta' l-attur.

Illi minkejja li l-attur, permezz ta' l-imsemmija Skrittura Privata, obbliga ruhu li jonera, permezz ta’ hlas, il-kontijiet kollha pendenti sas-16 ta' Gunju 1997, l-attur naqas milli jirrispetta tali obbligi, tant li l-linji tat-telefon li ssir referenza ghalihom fit-tielet artikolu ta' l-imsemmija skrittura nqatghu, b’ konsegwenza li l-konvenut esponenti Rudolphe Gaerty ma setax jopera.

Illi l-attur ikkrea sitwazzjoni fejn is-setup trasferit permezz ta' l-imsemmija skrittura privata ma setax jopera kif mistenni, u tali nuqqas kien intiz

sabiex itellef u jfixkel lill-konvenut esponenti mill-obbligi tieghu bhala istitur tas-socjeta` estera MSI International.

Illi l-irresponsabbilta` ta' l-attur permezz tal-agir vessatorju tieghu qieghed fil-frattemp jippregudika s-sitwazzjoni ta' xoghol u l-ghixien ta' l-esponenti Rudolphe Gaerty.

Illi l-esponenti jemmen li soffra danni u bata' konsiderevolment finanzjarjament minhabba n-nuqqas serju da parti ta' l-attur, kif fuq kontemplat;

Ghaldaqstant jghid l-esponenti ghaliex din l-Onorabbli Qorti, prevja okkorrendo dikjarazzjoni, m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut esponenti sofra finanzjarjament minhabba nuqqas serju da parti tal-attur, kif fuq premess;

2. Tillikwida, *occorrendo* bl-opera ta' periti nominandi, l-ammont hekk soffert mill-konvenut, kif fuq premess;

3. Tikkundanna u tordna lill-attur jhallas lill-konvenut is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-attur li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenut ghall-kontro-talba tal-konvenut Rudolphe Gaerty datata 8 ta' Mejju 2001 (fol 63) fejn espona :

1. Illi t-talbiet rikonvenjenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenjenti *stante* illi l-azzjoni rikonvenjenti, kif proposta, hija insostenibbli peress illi ma hix preceduta minn talba *ad hoc* ta' dikjarazzjoni ta' responsabbilta' tal-attur rikonvenut, skont il-Ligi.

2. Illi ulterjorment u minghajr pregudizzju ghall-premess, id-deskrizzjoni generika ta' *"agir vessatorju" u "nuqqasijiet"* kontenuta fil-premessi tal-kontro-talba proposta mill-konvenut rikonvenjenti, ma tikkostitwixix il-kjarezza ta' fatti rikjesta mil-Ligi ghall-validita` tal-att propost mill-istess konvenut rikonvenjenti.

3. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghall-premess, jirrizulta ulterjorment illi d-Dikjarazzjoni annessa mal-kontro-talba proposta mill-konvenut rikonvenjenti mhix enumerata skont il-Ligi, u ghalhekk hemm lok ghad-debita korrezzjoni.

4. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-mertu jigi eccepit illi ma hemm assolutament l-ebda azzjoni kolpuza u/jew doluza tal-attur rikonvenut li tista' b'xi mod, direttament jew indirettament, taghti lok ghat-talbiet rikonvenjenti.

5. Illi ghalhekk isegwi illi t-talbiet rikonvenjenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenjenti, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut Rudolphe Gaerty datata 25 ta’ Mejju 2001 a fol 67 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tal-attur datata 16 ta’ Ottubru 2001 a fol 70 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Jannar 2002 (fol 75) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-Avukati tal-partijiet trattaw ulterjorment dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Rudolphe Gaerty u l-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-istess eccezzjoni ghall-11 ta’ April 2002; u l-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Settembru 2003 fejn inghatat sentenza *in parte*, fejn il-Qorti kif diversament presjeduta : *“**Tichad l-ewwel eccezzjoni** tal-imharrek Rudophe Gaerty, bl-ispejjez kontrih, u tiddikjara li hija ghandha s-setgha li tisma’ l-kawza mressqa mill-attur; u **Tordna** li s-smigh tal-kawza jissokta bil-gbir tal-provi u trattazzjoni.”* (fol 86).

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Dicembru 2003 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta (fol 101) fejn Dr. Wayne Pisani ghall-konvenut Rudolphe Gaerty irtira t-tieni eccezzjoni tal-konvenut. Fid-dawl ta’ din id-dikjarazzjoni sar qbil bejn il-partijiet u l-Qorti ordnat illi l-attur iressaq provi dwar l-ewwel, it-tieni u r-raba’ talbiet attrici.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur Paul Caruana datata 18 ta’ Novembru 2005 a fol 427 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` Global Executive Search (Malta) Limited, Ronald Gearty u Ondine Gaerty datata 16 ta’ Jannar 2006 a fol 440 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut Rudolphe Gaerty datata 16 ta’ Jannar 2006 a fol 457 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Jannar 2003 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr. Edward Zammit Lewis, Dr. Lennart Depasquale u Dr. Wayne Pisani ddikjaraw li ma fadlilhomx aktar sottomissjonijiet xi jzidu man-noti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ April 2006; u l-verbal tas-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2012 mizmuma quddiem l-istess Qorti kif diversament presjeduta fejn il-kawza baqghet differita ghall-istess skop ghall-14 ta’ Frar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Frar 2013 mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn ordnat illi l-kawza tigi differita ghall-Hamis 30 ta’ Mejju 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti; u l-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Mejju 2013 fejn meta ssejhet l-kawza deher Dr. Matthew Bondin ghall-attur prezenti u Dr. Edward Debono li assocja ruhu fil-patrocinju tal-attur. Il-Qorti nnotat li t-traskrizzjoni tax-xhieda li hemm referenza ghaliha a fol 322 tal-process fil-verbal tad-19 ta’ Frar 2004 ta’ Astrid Farrugia, Edwin Mallia u Ronald Gaerty ma jinstabux fil-process. Il-Qorti ordnat li l-process jigi rikostruwit u tat lid-difensuri tal-partijiet 15-il-gurnata biex jivverifikaw jekk ghandhomx kopji ta’ din ix-xhieda u jindikaw dan permezz ta’ nota. Deher Dr. Schembri ghas-

socjeta` konvenuta. Il-kawza giet differita ghas-27 ta' Gunju 2013 ghall-informazzjoni ulterjuri dwar dan il-punt u l-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza ghal dan il-ghan; u rat il-verabli tas-27 ta' Gunju 2013 u tal-15 ta' Ottubru 2013 fejn il-Qorti giet informata li x-xhieda li hi indikata fil-verbal tat-30 ta' Mejju 2013 ma instabitx. Fic-cirkostanzi Dr. Edward Debono talab li jinghata l-awtorizzazzjoni li jipproduci dawn l-imsemmija xhieda. Il-Qorti laqghet it-talba u ddifferixxiet l-kawza ghat-28 ta' Novembru 2013 fil-11:00a.m. sabiex jitharku l-istess xhieda. Dr. Debono talab li jigi ezentat milli jerga' ihallas l-ispejjez tar-Registru. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat komunika ta' dan il-verbal lid-Direttur (Qrati u Tribunali Civili).

Rat in-nota ta' Paul Caruana datata 21 ta' Novembru 2013 a fol 496 tal-process li biha iddikjara li huwa ghalaq il-provi tieghu u irrinunzja ghall-produzzjoni ta' Astrid Farrugia, Edwin Mallia u Ronald Gaerty.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru 2013 fejn meta issejhet il-kawza deher Dr. Lennart Deqasquale ghas-socjeta` Global Executive Search (Malta) Ltd rapprezentata minn Roland Gearty, u deher ukoll l-attur Paul Caruana assistit minn Dr. Daniel Buttigieg. Dr. Depasquale ha konjizzjoni tan-nota tal-attur ipprezentata fil-21 ta' Novembru 2013 u qabel li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Marzu 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

**<u>Sentenza fuq l-Eccezzjoni Preliminarja:</u>**

Fil-25 ta' Settembru 2003, inghatat sentenza (ezebita a fol. 86 tal-process) mill-Onor. Qorti kif preseduta precedentement, fis-sens illi cahdet l-ewwel eccezzjoni ta' Rudolphe Gaerty u ddikjarat li hija ghandha s-setgha li tisma' l-kawza mressqa mill-attur.

**Sentenza fuq l-Ewwel, it-Tieni u r-Raba' Talbiet attrici.**

Illi skont verbal redatt bi qbil bejn il-partijiet fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2003 (fol 101) kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-attur iressaq provi dwar l-ewwel, it-tieni u r-raba' talbiet attrici. Sussegwentement fil-5 ta' Ottubru 2005 (fol 399) il-partijiet iddikjaraw li ma kienx faddlilhom provi xi jressqu ghall-finijiet ta' dak verbalizzat fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2003 u l-Qorti, kif diversament presjeduta, halliet il-kawza ghat-trattazzjoni bil-mitkub.

Dawn it-tliet talbiet (wiehed, tnejn u erba') huma limitati ghad-dikjarazzjoni li s-socjeta` konvenuta qieghda tagixxi u tigi utilizzata sabiex jigu eluzi b'mod frawdolenti, il-pretensjonijiet ta' l-attur skont l-iskrittura privata tas-16 ta' Gunju 1997; sabiex jigi ddikjarat li l-*placements* kollha maghmula mis-socjeta` konvenuta gew hekk maghmula b'intenzjoni frawdolenti fil-konfont tal-attur u ghalhekk ghandhom jigu debitament komputati ghall-finijiet tal-kalkolu tal-kummissjoni dovuta lilu; u sabiex jigi ddikjarat u deciz li l-konvenuti Rudolphe, Ronald u Ondine Gaerty huma responsabbli personalment *in solidum* bejniethom ghall-hlas tal-ammonti pretizi mill-attur u li jirrizultaw dovuti kemm fil-kawza fl-ismijiet "***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***" (Cit. Nru. 369/98/AJM) kif ukoll in segwitu ghar-raba' talba.

Illi din is-sentenza hija limitata ghalhekk ghal dawn it-tliet talbiet u l-Qorti ser tirriserva favur il-konvenut Rudolph Gaerty il-jeddijiet kollha fir-rigward tal-Kontro-Talba tieghu annessa man-nota tal-eccezzjonijiet tieghu.

## II. **KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi din il-kawza flimkien ma' numru ta' kawzi ohra giet assenjata lil din il-Qorti kif attwalment presjeduta b'surroga tas-16 ta' Jannar 2013.

Illi b'din il-kawza, l-attur qed jitlob il-likwidazzjoni u hlas ta' ammonti dovuti lilu b'*commissions* mill-intimati skont skrittura privata datata s-16 ta' Gunju 1997. Hu jallega li l-jeddijiet tieghu gew eluzi frawdolentement bl-agir tas-socjeta` konvenuta, kif ukoll bl-ghemil doluz tal-konvenuti l-ohra u qed jitlob, konsegwentement li jigu dikjarati responsabbli *in solidum* ghall-ammonti pretizi, liema ammonti ghandhom jirrelataw ghall-*placements* kollha maghmula mis-socjeta` konvenuta skont l-iskrittura imsemmija.

Is-socjeta` konvenuta u l-konvenuti Ronald u Ondine Gaerty sostnew illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u li ma ghandhom l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur. B'hekk iddikjaraw li ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Rudolphe Gaerty, fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu, irrileva li l-inkarigu ta' l-attur bhala institur, kien gie terminat b'konsegwenza ta' l-ittra li ggib id-data tas-6 ta' Gunju 1997 (Dok A), il-hlasijiet li kienu jaqghu taht *'old*

*activity'* ma gewx mghoddija lilu, u ga ghadda lill-attur il-kummissjoni ta' 5% dovuta lilu a bazi ta' l-iskrittura privata tas-16 ta' Gunju 1997.

Flimkien man-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, il-konvenut Rudolphe Gaerty ipprezenta talba rikonvenzjonali kontra l-attur fejn talab dikjarazzjoni ta' responsabbilta` tal-attur ghad-danni li sofra minhabba nuqqasijiet tal-istess attur u konsegwentement talab il-likwidazzjoni u l-kundanna ghall-hlas tal-attur ta' dawn id-danni.

L-attur rikonvenut wiegeb ghal dan billi allega li t-talbiet rikonvenjenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

**<u>Skrittura</u>**

Permezz ta' skrittura privata datata s-16 ta' Gunju 1997, (**Dok A** esebit a fol. 7 tal-process) l-attur ittrasferixxa l-attivita' kummercjali tieghu bhala *headhunting agency* taht licenzja tas-socjeta` estera MSI International (gja S.C.I. (U.K.) Limited, partikolarment bid-dritt ta' l-attur ghal hlas minghand il-konvenut Rudolphe Gaerty ta' kummissjoni in konnessjoni mal-*placements* kollha maghmula mill-istess konvenut ghall-perjodu stipulat sussegwenti ghall-ftehim. L-attur qed jallega li minn kalkolazzjonijiet maghmula minnu, jirrizulta li l-konvenut Rudolphe Gaerty kien qed ihallas biss frazzjoni mill-kummissjoni dovuta. *Inoltre* jallega li n-negozju ta' MSI International baqa' jigi gestit mill-konvenut Rudolphe Gaerty *tramite* s-socjeta` konvenuta *Global Executive Search (Malta) Limited* u minhabba dan il-frodi, fl-opinjoni ta' l-attur, il-konvenuti kollha ghandhom jinzammu responsabbli ghall-ammonti kollha dovuti lill-attur.

Din il-kawza hi konessa mal-kawza **Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty** (Cit Nru: 369/98 JRM li qieghda differita ghas-sentenza ghal Ottubru 2014)

**XHIEDA RILEVANTI:**

**Paul Caruana** xehed permezz ta' affidavit li jinsab ezebit a fol. 108 tal-process **(Dok PC)**.

Huwa spjega li kien hu li originarjament introduca f'Malta l-isem ta' *Search Consultants International (SCI)* ghall-habta tas-sena 1994.

Ix-xoghol ta' SCI huwa dak li jissejjah *head hunting,* socjeta` bbazata primarjament fl-Amerika, b'numru ta' ferghat f'postijiet ohrajn, b'ufficcju principali wkoll f'Londra. Ix-xoghol tal-SCI fuq skala internazzjonali, jithaddem billi kull ufficcju jkun responsabbli li jaghmel in-negozju f'*area* geografika definita. Fil-kaz ta' Malta setghu joperaw fit-territorju ta' l-Ewropa.

Huwa beda jopera bhala SCI Malta permezz ta' arrangament li kien lahaq ma' Joe Wiggins, li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' *Vice President Europe* ta' l-SCI. Dlonk, kellu jlesti l-ufficcju b'numru ta' linji telefonici, b'apparat u ghamara adegwat u jiddentifika *account executives,* li jahdmu principalment fuq it-telefon sabiex jiddentifikaw impjegati u impiegi possibbli.

Huwa nghata tahrig estensiv f'Londra u nvesta hamsin elf Lira Maltin (Lm50,000) sabiex l-ufficcju jinbeda. L-kumpanija estera kienet qed taghtihom id-dritt li joperaw f'isimha, u dan wara li ghaddiet in-'*know how'* kollu.

Il-ftehim kien li hekk kif jigi kkonfermat impieg ghal kandidat prospettiv, SCI Malta tibghat *billing form* lil SCI London bid-dettalji kollha. L-ufficcju ta' SCI Londra johrog il-kont relattiv li kien ikun ekwivalenti ghal 35% tas-salarju ta' l-impjegati u din tithallas minn ghand min ikun ser ihaddem. Jekk jithallsu l-flus, kienu jigu maqsuma 60% lill-ufficcju ta' Malta u 40% lill-ufficcju ta' Londra. Barra minn hekk, l-ufficcju ta' l-Ingilterra kellu jhallas ghall-ispejjez kurrenti ta' l-ufficcju f' Malta.

Meta sussegwentement zdied ix-xoghol, gie miftiehem li t-tqassim isir in kwantu 80% lill-ufficcju Malta u 20% l-ufficcju ta' l-Ingilterra, u l-ispejjez korrenti jigu ssopportati mill-ufficcju Malta.

Xi kultant, l-ufficcju ta' Londra kien jibghat xi avvanzi akkont tal-kummissjonijiet dovuti Malta ghall-*placements* li jkunu saru, li kienu jittiehdu lura meta SCI Londra kienet tithallas tax-xoghol.

Bejn wiehed u iehor fis-sena 1995, Rudolph Gaerty kien wiehed mill-*account executives* li beda jaghti s-servizz tieghu. Inghata t-*training* minn ghand Paul Caruana u ghamel l-ewwel *placement* tieghu xi hames xhur wara.

Sena wara, ghazlu sabiex ikun *Senior Account Executive* u kien baghtu wkoll ghal kors fil-*Head Office* tal-SCI gewwa l-Amerika. Meta gie lura

Malta, Rudolphe kellu access shih ghall-ufficcju u ghad-*database* tal-klijenti kollha.

Dan iz-zmien beda jinqala' l-inkwiet bejnu u l-*account executives,* u ftit wara anke ma' l-ufficcju tal-SCI f'Londra. L-inkwiet baqa' ghaddej sa l-ahhar tas-sena 1996, imbaghad beda jissuspetta li l-konvenut Rudolphe Gaerty kien b'xi mod involut.

Xi zmien wara, incidentalment, sar jaf li sar diskors fis-sens li Rudolphe Gaerty, flimkien ma' l-*account executives,* kienu qeghdin jippjanaw *takeover* ta' l-ufficcju u kienu ga ghamlu kuntatt mal-SCI barra minn Malta f'dan is-sens.

Ghalhekk, ghamel kuntatt ma' Joe Wiggins u dan infurmah li Rudolphe Gaerty kien ghamel xi kuntatti barra u li kien jaqbel kieku Paul Caruana jinnegozja ma' Rudolphe Gaerty sabiex jiehu *over* il-*business* tal-SCI f' Malta.

Wara dan l-attur ghamel konfront dirett ma' Rudolphe Gaerty u dan ma nnega xejn, anzi qal li kellu l-*backing* shih tal-kumpanija ta' barra, u li hu kien lest jinnegozja u jixtri l-*business.*

Bdew in-negozjati, izda ma sarx qbil fir-rigward tal-prezzijiet. Fl-ahhar spicca jintervjeni l-Vici President sabiex ikun hemm *"a smooth transition".*

Xi ftit jiem wara, gie konkluz il-ftehim li jgib id-data tas-16 ta' Gunju 1997. Dan kien jipprovdi, *inter alia,* ghat-trasferiment ta' l-attivita' kummercjali segwita mill-SCI Malta, u dan versu l-kunsiderazzjoni ta' tletin elf Lira Maltin (Lm30,000) bhala hlas, kif ukoll 5% tal-hlasijiet kollha generati mill-*placements* li jsiru Malta ghall-perjodu ta' hames snin u tliet xhur. Il-*placements* kollha konkluzi wara d-data tal-ftehim, li jkunu pero' originaw minn kuntatti u xoghol li kienu ga saru qabel id-data tal-ftehim kellhom jibqghu jithallsu bir-rata ta' 80% u 20%.

Il-problemi bdew ezatt wara li gie ffirmat il-ftehim. Rudolphe Gaerty beda jinsisti li kien hemm xi hlasijiet li kienu ghadhom dovuti mill-attur lill-*account executives*. Ghaddiet korrispondenza bejniethom u anke saru xi laqghat sabiex jaslu ghal xi fethim bejniethom, izda kien kollu ghal xejn.

It-talbiet tal-attur huma s-segwenti, dejjem *ai termini* tal-iskrittura privata tas-16 ta' Gunju 1997 u cioe`:

1) Hlasijiet lilu dovuti fuq bazi ta' 80% mid-dhul generat mill-*placements* indikati fid-dokumenti annessi ma' l-iskrittura privata tas-16 ta' Gunju 1997.

2) Il-bilanc ta' hlasijiet lilu dovuti mid-dhul generat mill-*placements* li gew konkluzi wara s-16 ta' Gunju 1997, izda li originaw minn kuntatti u xoghol li kienu ga saru qabel id-data tal-ftehim u li kellhom jibqghu jithallsu lilu bir-rata ta' 80% u li taghhom thallas biss bir-rata ta' 5%.

3) Hlasijiet lilu dovuti bir-rata ta' 5% fuq *placements* totalment godda li ma gewx dikjarati lilu.

Sussegwentement, l-attur esebixxa affidavit ulterjuri **(Dok PC2)** li jinsab esebit a fol. 130 tal-process fejn xehed li fit-23 ta' Frar 1998, fetah proceduri ohra l-Qorti fl-ismijiet "***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty"*** *(Citazzjoni Numru: 369/98 JRM).*

Xi sentejn wara li fetah l-kawza, ircieva ittra (**Dok B** annessa mac-citazzjoni) ndirizzata lil Rudophe Gaerty, bid-data ta' l-14 ta' Frar 2000, mis-socjeta` estera MSI International, fejn kien hemm miktub li s-socjeta` kienet se ttemm il-licenzja ta' Rudolphe Gaerty li hu akkwista minn ghand Paul Caruana permezz ta' l-iskrittura privata tas-16 ta' Gunju 1997, peress illi MSI kienet se twaqqaf l-attivita' ta' *head-hunting* fl-Ewropa u l-Asia u anke peress li ma rieditx tassocja ruhha ma' Paul Caruana peress li hu kien qed ifittex lil Rudolphe Gaerty.

Din l-ittra hasbitu hazin lil Paul Caruana u fil-fatt wiegeb permezz ta' ittra mibghuta mill-konsulent legali f'dan ir-rigward. (**vide Dok C** anness mac-citazzjoni).

Mill-indagini li ghamel l-attur, Rudolphe Gaerty kien baqa' jmexxi n-negozju ta' *'head-hunting'* gewwa Malta ghan-nom ta' MSI International, izda l-kumpanija *Global Executive Search (Malta) Limited* kienet qieghda taghmel din l-attivita'.

Huwa ndaga wkoll mar-Registru tal-Kumpaniji u rrizulta li Ronald Gaerty u Ondine Gaerty, missier u oht Rudolphe Gaerty kienu qeghdin jidhru bhala azzjonisti u diretturi. Irrizultalu wkoll li l-ufficcju rregistrat ta' din il-kumpanija kien appuntu fejn joqghod il-konvenut Rudolphe Gaerty u cioe` '*Dar il-Hena, Tan-Nadur, limiti tar-Rabat'.*

**Chris Sacco** [1] xehed li huwa kien *accounts executive* ma' Paul Caruana fil-bidu taz-zmien meta kien qed isir l-ezercizzju ta' *'head hunting'.* Huwa kkonferma wkoll li n-negozju li kien qed imexxi Paul Caruana ghadda f'idejn Rudolphe Gaerty. Huwa temm il-hidma tieghu ma' Rudolphe Gaerty f'Ottubru tas-sena 2002.

Huwa spjega illi meta d-ditta kienet ghaddiet fit-tmexxija ta' Rudolphe Gaerty, il-bdil li kien sar kien fir-rilokazzjoni tal-post, peress illi l-ufficini saru band'ohra.

B'mod generali, il-hlas tal-kummissjonijiet li kienu dovuti lilu meta jsehh *placement* kienu jsiru mill-*employer* tieghu, izda kien hemm kazijiet individwali fejn il-hlas tal-kummissjoni lilu, kien isir direttament mill-*Mother Company.*

Is-sistema ta' kif kien isir ix-xoghol fid-dipartiment taghhom, meta d-ditta kienet ghaddiet taht it-tmexxija ta' Rudolphe Gaerty baqghet ma nbidlitx wisq. F'dak iz-zmien, kienu tmien persuni li kienu jagixxu bhala *account executives.* Ronald Gaerty, missier Rudolphe xi kultant kien ikun fuq il-post tax-xoghol taghhom u ma jidhirlux li kien jaghmel xoghol ta' *'head-hunting'*. Lil Ondine, oht Rudolphe, hu kien jaraha xi kultant l-ufficcju.

Minn mindu n-negozju ghadda f'idejn Rudolphe sa meta Chris temm l-ingagg tieghu f'Ottubru 2002, jaf illi f'xi zmien kien sar xi trasferiment ta' kumpanija. Fl-ewwel tliet xhur tas-sena 2000 sar bidla ta' l-isem tal-kumpanija bil-*logo* b'kollox. Fil-fatt il-kumpanija kien sar jisimha *Global*

[1] Xhieda quddiem din il-Qorti, diversament preseduta, fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2004.

*Executive Search (Malta) Limited* minn *MSI* li kien l-isem tal-*mother company.* Minkejja l-bidla fl-isem, ma sarux xi tibdil fil-prattika u l-mod kif kien jigi gestit in-negozju. Izda, r-rata tal-kummissjoni li kienet tithallas kienet gholliet xi ftit. L-ghamara wkoll baqghet l-istess.

**Fil-kontro-ezami,** spjega li hu kien impjegat ma' l-attur Paul Caruana sa Gunju 1997, imbaghad minn Gunju 1997 sal-bidu tas-sena 2000 hu kien jahdem mal-konvenut Rudolphe Gaerty taht il-*franchise* ta' MSI. Huwa kien iffirma xi kuntratt mahrug minn MSI u cioe` l-*Mother company.* Izda, imbaghad il-kundizzjonijiet ta' l-ingagg kienu nbiddlu.

Meta gie mistoqsi jekk il-hlasijiet kollha tal-kummissjonijiet dovuti lilu ghax-xoghlijiet tieghu, bhala *accounts executive* gew imhallsin minn MSI, irrisponda li ma kienx jaf bic-cert. Ikkonferma pero', li kull remunerazzjoni ghas-servizzi li huwa ta bhala *account executive* wara Frar tas-sena 2000, giet imhallsa lilu mill-Kumpanija konvenuta *Global Executive Search (Malta) Ltd.,*

**Fil-kontro-ezami** xehed illi jekk jiftakar sew, il-bidla mill-ufficini minn tas-Sliema ghal Burmarrad sehhet fis-sena 1998. Qal ukoll li Paul Caruana ma kienx ikun l-ufficcju tal-Kumpanija l-hin kollu. It-taghrif fuq il-*business cards* tieghu nbiddlu minn Jannar 2000, kif sar fil-*logos* tal-kumpanija, u l-*letter heads.*

**Karl Chetcuti Bonavita**[2] xehed li hu kien *accounts executive.* Il-*business* imbaghad gie trasferit lil Rudolphe Gaerty. Qal li meta n-negozju gie trasferit, huwa baqa' impjegat ma' MSI International, izda ma jiftakarx jekk sar kuntratt bil-miktub fir-rigward l-impieg tieghu.

[2] Xhieda quddiem din il-Qorti, diversament preseduta, fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2005 (a fol. 351 tal-process)

Il-kummissjoni kienet tithallas lilu minn ghand Paul Caruana sakemm dam kien imexxi hu u wara minghand Rudolphe Gaerty. Meta n-negozju ghadda minn idejn Paul Caruana ghal ghand Rudolphe Gaerty, huwa sar impjegat tal-kumpanija *Global Executive Search (Malta) Ltd.,* Huwa sar jaf li l-fergha ta' Malta ta' *MSI International* kellha xi diffikultajiet mal-mattrici f'Londra, u kien qed jinghata indikazzjoni li dawn l-attivitajiet kummercjali kienu se jghalqu u saritlu offerta biex jikkonsidra jidhol f'impieg mal-kumpanija konvenuta u accetta din l-offerta.

Meta sar impjegat mal-Kumpanija konvenuta, il-hlas tal-kummissjoni ghax-xoghol tieghu ta' *head-hunting* bdiet thallsu l-istess kumpanija. Huwa ma baqax impjegat mal-Kumpanija konvenuta.

Gie muri **Dok EM54**, li jinsab esebit f'pagna 134 tal-process, li juri li l-ingagg tieghu bejn Novembru 1997 u Marzu 2000, intestat fuq il-Kumpanija *R&R Enterprises Ltd.* u meta mistoqsi ghaliex, irrisponda li jissopponi li dak iz-zmien kienu rregistrati bhala impjegati ta' dik il-Kumpanija, izda ma jidhirlux li kien iffirma xi dokumenti ta' ingagg maghha.

Fir-rigward **Dok EM1,** ezebit a fol. 133 tal-process, iddikjara li dan juri li bejn Marzu 2000 u Marzu 2001 kien ingaggjat mal-Kumpanija konvenuta.

Meta nbidel *l-employer* qal illi baqghu jahdmu bl-istess mod, u baqghu jaghmlu x-xoghol normali ta' *head hunters,* izda kienu avzaw lill-klijenti li

ma kienux ghadhom jahdmu ma’ MSI International. Il-figura tal-*billing* baqghet l-istess. Pero’, il-linji tat-telefon inbidlu.

Huwa kkonferma li l-flus tal-kummissjonijiet kienu jaslu ghandhom minghand MSI International.

Il-kuntatti mal-klijenti kien isir permezz ta’ l-*internet,* kif ukoll bil-mezzi telefonici. Id-direttorji partikolari li kellhom it-taghrif tal-klijenti kienu jinbidlu kull sena, liema direttorji kienu accessibbli ghal pubbliku. Iddikjara li ghamel zmien jahdem meta l-azjenda kienet f’idejn Paul Caruana, zmien meta kienet f’isem Rudolphe Gaerty/ *R&R Enterprises Ltd* u meta sar impjegat ta’ *Global Executive Search (Malta) Ltd.,* Qal ukoll li meta n-negozju ghadda minn Paul Caruana ghal Rudolphe Gaerty, hu xorta baqa’ rapprezentant ta’ MSI International. Fit-tieni fazi kien jagixxi bhala impjegat tal-Kumpanija konvenuta. F’din il-fazi l-klijent kien ihallas lil Kumpanija konvenuta. Fl-istadju precedenti, l-hlasijiet tal-kummissjonijiet minn barra kienu jsiru mid-ditta internazzjonali MSI International.

Meta mistoqsi minn Dr Zammit Lewis, qal li meta s-sehem tieghu bhala kummissjoni kien jintbaghat Malta, kienet tasal ghandu minn Paul Caruana jew Rudolphe Gaerty, skont min kien qed imexxi. Jaf pero’ li dak li kienu jaghtuh kien gej minn MSI International. Imbaghad, meta kien impjegat tal-Kumpanija konvenuta, jaf li MSI International ma kenitx ghadha nvoluta. Dan it-taghrif sar jafu minn ghand Rudolphe Gaerty, fost ohrajn.

In **kontro-ezami,** ddikjara li meta dahal jahdem mal-kumpanija konvenuta, kien ghadu rapprezentant ta’ MSI International u jista’ jkun li

fiz-zmien li jidher li kien impjegat ma' *R&R Enterprises Ltd.,* dan kien ezercizzju ghar-rigward il-hrug ta' pagi u affarijiet simili.

**Malcolm Cachia**[3] xehed li hu wkoll kien ghamel zmien ta' tahrig ma' l-attur Paul Caruana. Imbaghad sar *account executive,* u eventwalment kompla taht Rudolphe Gaerty u baqa' nvolut mieghu fil-hidma tieghu bhala *account executive* sas-sena 2004. Meta dahlet fix-xena l-kumpanija *Global Executive Search,* Rudolphe Gaerty kien jaghmel xoghol ta' *head hunting* ukoll. Huwa mill-bidu kien impjegat ma' *R&R Enterprises Ltd.,* u dana fis-sena 1999.

Miz-zmien meta kien impjegat ma' *R&R Enterprises Ltd.,* sakemm sar impjegat tal-Kumpanija konvenuta ma kienx hemm bidliet. Huwa qatt ma kien impjegat ta' l-azjenda meta kien imexxieha l-attur, u kien Rudolphe Gaerty li avvicinah biex jidhol bhalha mpjegat mal-Kumpanija *R&R Enterprises Ltd.*

Huwa qabel mal-mistoqsija li saritlu fil-**kontro-ezami** li meta dahal impjegat mal-kumpanija *Global Executive Search (Malta) Ltd.,* ma baqghux jirrapprezentaw lil *MSI International.*

**Rudolphe Gaerty** xehed quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2005 (a fol. 389 tal-process).

Huwa xehed li fi Frar tas-sena 2000, l-kumpanija SCI (sussidjarja ta' MSI li kellha impjegati jahdmu Malta) u li maghha hu wkoll kellu relazzjoni ta'

[3] Xhieda moghtija quddiem din il-Qorti diversament preseduta, fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2005 (a fol. 360 tal-process).

xoghol, temmet l-operazzjonijiet taghha fit-territorju Malti. Dan hu sar jaf bih peress illi kien ircieva *termination notification* minghand SCI, li jinsab ezebit a fol. 57 tal-process.

Spjega li l-ftehim ta' Gunju 1997 kien wiehed li sar bejnu u l-attur Paul Caruana. Huwa tal-fehma li peress illi l-posizzjoni tieghu giet mitmuma minn SCI/MSI, *'allura kull rabta bejni u l-attur ntemmet'* (vide klawsola 7.3 tal-ftehim). Spjega li l-ftehim kellu zewg ghanijiet, biex jirregola t-tmexxija tan-negozju fiz-zmien ta' transizzjoni bejn dak iz-zmien li kien se jhalli hu u z-zmien li dahal fiha hu. Ukoll sabiex jigu rrangati il-modalitajiet ta' hlas ladarba hu kien ga nghata l-licenzja biex jopera minn *MSI* sabiex jiehu f'idejh l-infrastruttura ta' dak in-negozju.

Qal li l-kumpanija *R&R* ma kellhiex x'taqsam ma' *head hunting,* imma kienet involuta fil-*pay roll.* Ukoll, l-impjegati li jidhru fid-dokument li jinsab a fol. 133 u 134 tal-process kellhom rabta diretta ma' *MSI* u ma kienux impjegati ta' *R&R.* Ghalhekk, minkejja li d-dokument jaghti wiehed x'jifhem li n-nies imsemmija kienu kollha impjegati mal-kumpanija *R&R,* fil-kaz ta' kull wiehed mill-*account executives* kien hemm ftehim, li minkejja li tintuza t-termini *employment* dan fil-fatt kien *self employment.*Fiz-zmien meta kien qed imexxi hu, mhux dejjem kien jigi redatt ftehim bil-miktub u dana peress li kien isir ftehim verbali ma' *accounts executives.*

Qal illi kull persuna li kienet tahdem ma' Paul Caruana kellha ftehim bil-miktub ma' *SCI,* izda kull persuna li dahlet wara dak iz-zmien kellha arrangament verbali u mhux miktub ma' *SCI.* Qal ukoll li mhux il-persuni kollha msemmijin fid-Dokument li hemm f'pagna 133 sa 134 tal-process kienu jaghmlu xoghol ta' reklutagg u cioe` *head hunting.* Xi uhud minnhom kienu jaghmlu xoghol ta' ricerka, li kienet tikkonsisti f'tiftiex ta'

niex biex jiddentifikaw persuni li setghu ‘l quddiem jitqabbdu bhala referenzi ghal *SCI,* jew avvicinamenti lejn korporazzjonijiet jew banek, bl-intenzjoni li jinghataw certu ismijiet li jkunu utli ghal quddiem.

Iddikjara li ma kienx minnu li l-infrastruttura, inkluz it-taghmir ta’ ufficini li hu kellu qabel, gew mghoddija lil Kumpanija *Global Executive Search* u dana peress illi kull assi ta’ dik l-infrastruttura kienu soggetti ta’ Mandati Kawtelatorji mahrugin mill-attur. Anke l-linji tat-telefon gew maqtugha peress li l-kontijiet ma thallsux. Barra minn hekk, ma kien hemm xejn fiz-zmien ta’ Frar tas-sena 2000 mill-assi jew benefikati imsemmijin fil-ftehim li sar f’Gunju 1997 li kien ghadu ghad-disposizzjoni tieghu f’dik id-data. Forsi kien hemm xi ufficcju li kien mikri, izda ukoll minhabba dawk il-proceduri, l-access ma kienx disponibbli.

L-assi li kienu s-suggett ta’ Mandati Kawtelatorji nqabbdu mill-ufficcju ta’ Tas-Sliema. L-assi li nqabbdu mill-ufficcju ta’ Burmarrad kienu proprjeta’ kwazi esklussiva tal-Kumpanija konvenuta *Global Executive Search (Malta) Ltd,* bhala s-successuri ta’ *R&R Ltd.*

*Global Executive Search* taghmel xoghol f’territorji ta’ l-akbar pajjizi fid-dinja, izda m’ghandiex ufficcju f’Londra, “*u lanqas ma tezisti xi kumpanija affiljata li taghmel xoghol ta’ head-hunting flimkien ma’ Global Executive Search u li hija bbazata f’Londra”.*

**Eric Lindburg,** President u Chief Executive Officer ta’ *MSI International* sa minn April tas-sena 1968 xehed[4], fir-rigward tar-relazzjoni bejn *SCI UK* u *MSI International* li *SCI* xi darba kellha ufficini f’ Malta u li llum hija

[4]Seduta tal-5 ta’ Ottubru 2005 bil-lingwa Ingliza (a fol. 400 tal-process) mizmuma quddiem din il-Qorti, diversament preseduta.

*‘dormant corporation’.* Huwa qal li *MSI* m’ghadx ghandha konnessjoni ma’ Malta fir-rigward nies li timpjega, u dan minn Frar 2000.

B’referenza ghal pagna 57 tal-process huwa qal li kienu waqfu milli jimpjegaw nies fl-Ewropa u permezz ta’ dan id-dokument kienu qed jinfurmaw li r-relazzjoni ma’ Rudolphe Gaerty kienet qed tigi terminata, mhux peress illi ma kellhomx fiducja fih, izda ma hadux gost b’dak li kien qed jigri bejnu u bejn Paul Caruana.

Qal li l-*account executives* kellhom kuntratt ma’ *SCI* u *d-data* kien il-proprjeta’ ta’ *SCI.* Il-kontijiet kienu jmorru Londra u Londra kienet tibghat kont lill-klijent u tigbor il-flus, imbaghad Londra kienet terga tibghat il-flus lil Malta.Il-flus kien ikun kkontrollat minn Gordon Ralph ic-*Chartered Accountant* f’Londra.

L-impieg ta’ Paul Caruana kien gie terminat peress illi tilfu l-fiducja fih.

*MSI* kienu jafu bl-arrangament li Paul Caruana kellu ma’ haddiehor u fil-fatt kienu huma stess li ghazlu lil Rudolphe. Kien hemm ukoll ftehim bejniethom li 5% jithallsu lil Paul Caruana minn Londra.

Huwa qal li d-dhul tela’ b’mod drammatiku meta Rudolphe Gaerty beda jmexxi.

Qal li *MSI* jew *SCI* m’ghandhom x’jaqsmu xejn mal-kumpanija konvenuta.

Ix-xhud qal illi l-pagamenti saru direttament lil Paul Caruana minn *MSI* u *SCI* fir-rigward il-ftehim li sar bejn Paul Caruana u Rudolphe Gaerty.

B'referenza ghad-dokumenti a fol 364 tal-process, huwa kkonferma li r-rikonciljazzjoni kienet tinkludi transazzjonijiet li saru kemm qabel kif ukoll wara li sar il-ftehim.

**<u>Apprezzament tal-Qorti dwar id-Dritt u r-Rizultanzi</u>**

Illi l-ftehim mertu tal-kawza odjerna, li jgib id-data tas-16 ta' Gunju 1997, jinsab ezebit a fol. 7 tal-process **(Dok A)** u l-klawsola determinanti tinsab a fol. 11 tal-process, fejn hemm specifikat is-segwenti :

*"7.3. The annual payment by the Transferee unto and in favour of the Transferor, for a definite period of five (5) years and three (3) months commencing from the Effective Date and terminating on the sixteenth (16th) day of September of the year two thousand and two (2002), of such sum as is equivalent to five per centum (5%) of all cash-ins generated by the various placements made by the Business as received by the Office of S.C.I. (U.K.) throughout each particular year.*

*Provided that this sum will not be calculated on the activity mentioned in Article 6 hereof.*

*.....*

*It is furthermore specifically agreed that with respect to these particular payments subject of the prezent sub-article, the Transferee is delegating*

*to S.C.I. (U.K.), who has already indicated due acceptance, the obligation to make such payments directly to the Transferor, as and when they fall due.*

*Provided that should, within such five year three month term, the Transferee cease to work in association with S.C.I. (U.K.), such payments will continue to be made directly by the Transferee.*

*The Transferor retains the right to inspect, directly or through nominated reprezentative, the books, records and accounts of the Business strictly for the purposes of verifying the extent of such sums due to him throughout this said five year three month period.*

*At the expiry of the said five year three month period and provided all due payments are made as stipulated herein, and saving any material breach of any of the provisions detailed herein, both parties will not have any claim, of whatever nature, against each other arising from this Private Agreement."*

**Legittimi Kontradditturi**

Ghandu jinghad mill-ewwel illi l-ftehim tas-16 ta' Gunju 1997 sar bejn l-attur u Rudolphe Gaerty  u ghalhekk l-eccezzjoni ta' Ronald Gaerty u Ondine Gaerty li mhumiex legittimi kontradditturi ghandha tigi milqugha u dana peress li ma kienux parti fil-ftehim li ghamel l-attur ma' Rudolphe Gaerty.

Ikkonsidrat ukoll li ma jirrizulta minn l-ebda prova imressqa mill-attur li l-konjugi Gaerty personalment kienu responsabbli ghal xi ghemil doluz.

Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta’ Ottubru 2001 dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur fl-ismijiet "***Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et***":

*“Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienet materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, holoq ir-relazzjoni guridiku li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti”.*

Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' l-eccezzjoni taghhom u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju.

**<u>Eccezzjoni sollevata mis-socjeta` Konvenuta.</u>**

Is-socjeta` konvenuta wkoll issollevat din l-eccezzjoni. Madanakollu in kwantu jirrizulta li Rudolphe Gaerty kien jopera l-attivita` kummercjali tieghu tramite din is-socjeta`, l-indagni tal-Qorti trid tiehu xejra ohra in kwantu li hija permessa ghal din il-Qorti biex tindaga jekk Rudolphe Gaerty agixxa frawdolentement. F'tali kaz, fil-fehma tal-Qorti, ma jistax jinheba wara l-protezzjoni tal-*corporate veil* biex jeludi r-responsabbiltajiet tieghu.

Effettivament l-attur qed jistieden lil din il-Qorti sabiex twarrab il-faccata legali tas-socjeta` konvenuta billi tikkonsidra li din qeghdha topera l-istess attivita' milquta bl-iskrittura privata bhala faccata biss ghall-Rudolphe Gaerty, il-kontraent mieghu f'dik l-iskrittura, u dan sabiex Rudolphe Gaerty jkun jista' jeludi l-obbligazzjonijiet tieghu ta' hlas.

Fil-kaz in ezami, huwa minnu li s-socjeta` konvenuta ma kenitx tezisti taht l-isem iccitat in gudizzju meta gie redatt il-ftehim in mertu. Hawnhekk il-Qorti tippreciza li s-socjeta` konvenuta ma kenitx topera taht l-isem "*Global Executive Search Limited*" ghaliex mill-provi jirrizultaw li din il-kumpanija kienet tezisti taht l-isem ta' "*R & R Enterprises Limited*" sa mis-sena 1994 (DOK AC1 a fol. 181 *et.seq.)* Izda dwar dan il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fil-kaz ***"Dr. Jose' Herrera nomine vs Tancred Tabone et nomine"*** (A.K. 22 ta' Jannar 1992) fejn il-Qorti rriteniet illi ghalkemm meta gie redatt il-ftehim, is-socjeta` konvenuta ma kenitx tezisti, xorta kellha tosserva l-obbligazzjonijiet ta' dak il-ftehim, *nonostante* l-ezistenza ta' socjeta` ohra, a bazi tal-principju "*Qui per alium facit ipse fecisse videtur*". Dan abbazi tal-principju li l-obbligazzjonijiet ghandhom jigu esegwiti *in bona fede* skont l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili. Il-Qorti kompliet li "*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fidi u jobbligaw mhux biss dak li jinghad fihom, izda dak li l-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha bl-ekwita` bl-uzu jew bil-ligi". (*"***Joseph Falzon vs Calcedonio Cuschieri***"-A.C. 23 ta' Ottubru 1936-XXIX.i.1408).

Inoltre, dejjem fil-materja ta' *male fides*, din il-Qorti kif diversament presjeduta, fil-kaz "***Edward Enriquez et vs Avukat Dr. Anthony Farrugia "senior" et nomine***" (GCD 12-10-1995) irriteniet li : *"Il-Qorti tifhem li fejn jirrizulta agir skorrett li juri 'mala fides' ma ghandhiex thalli lil min jahti ghal dan l-agir jiehu vantagg mill-'mala fides' tieghu. Il-ligi taghna hija mibnija fuq il-'bona fides'. L-ebda negozju giuridiku ma*

*ghandhu immunita` mill-principju 'fraus omnia corrumpit'. Jekk biex ikun newtrallizat l-effett tal-'mala fides' huwa mehtieg li l-Qorti tipprexxindi mill-personalita` separata ta' persuna morali, il-Qorti hija lesta li tiehu dan il-pass".*

Ikkonsidrat li kull kaz ghandu jkun ezaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tieghu u dan jghodd ukoll fejn *si tratta* ta' l-applikazzjoni tal-principji tad-dritt. B'hekk il-gudikant ikun f'qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu.

Ikkonsidrat ukoll li hu pacifiku li l-ghemil doluz ma jistax jigi prezunt imma jinkombi fuq min iqanqal din l-akkuza li jipprovah sal-grad rikjest mil-Ligi.

Inghad fil-kawza citazzjoni numru 2756/1996 fl-ismijiet "***Anthony Piscopo vs Charles Filletti***"-P.A. dec. fis-16 ta' Gunju 2003 li:

*"Issa biex jigi stabbilit u pruvat il-qerq trid issir il-prova illi l-parti l-ohra uzat scienter raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi – "**Josephine Galea et –vs-AIC Walter Caruana Montaldo",*** Prim' Awla, Qorti Civili, deciz. fis-16 ta' Dicembru 1970.

Issa fil-kaz in ezami hemm konfliggenza fit-tezijiet rispettivi tal-kontendenti.

Illi ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja ("***Borg vs Bartolo***"– Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant, li tkun indotta minn

preponderanza ta’ provi meqjusa fuq bilanc ta’ probabbiltajiet ("***Caruana vs Laurenti"*** – Prim’Awla tal-Qorti Civili – 8 ta’ April 1994 ; "***Borg vs Manager ta’ l-Intrapriza tal-Halib"*** – Prim’Awla tal-Qorti Civili – 17 ta’ Lulju 1981; "***Vassallo vs Pace"*****-**Vol.LXX.II.144 u "***Zammit vs Petrococchino*****"** – Appell Kummercjali – 25 ta’ Frar 1952).

Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita’ tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabbiltajiet. Bhala punt ta’ dritt, il-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur, in kwantu l-konvenut jibqa’ assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Il-Qorti trid tara jekk l-attur issodisfax dak l-oneru billi rnexxielu jipprova l-legittimita’ tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta’ gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacentement pruvati (*non esse et non probari paria sunt*).

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-28 t’April 2004 fil-kawza fl-ismijiet "***Emanuel Ciantar vs David Curmi noe":***

*“Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika. Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew ikollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo”.*

**Applikati** dawn il-principji, ikkonsidrat li l-attur ma irnexxiex fil-prova ta' *dolo* jew qerq li jimputa lill-konvenuti. Jirrizulta anzi li dak li qed jallega huma semplici kongetturi u sfumaturi li mhumiex sorretti mill-provi. Jghid ad ezempju "*Mill-ewwel indunajt x'kien qed jigri u cioe` li din is-socjeta` estera MSI kienet ser tidher li se twaqqaf il-licenzja ta' Rudolph Gaerty halli ma jkollux ghalfejn jaghtini dak li huwa tieghi skont il-ftehim"* minghajr ma jipprova din l-allega kolluzjoni bejn is-socjeta` estera MSI u Rudolphe Gaerty. Jghid ukoll li "*Rudolph Gaerty baqa' imexxi n-negozju ta' head hunting ghan-nom ta' MSI International izda minnflok baqa' jidher li huwa l-operatur licenzjat tal-MSI hawn Malta, kien hemm kupanija li qeghdha taghmel din l-attivita..."*

Dan kollu hu kontradett minn Eric Linberg kif ukoll mill *account executives* prodotti mill-istess attur biex jixhdu fil-kaz. Lindberg ghamilha cara li MSI riedet tittermina r-relazzjoni kummercjali li kellha mal-attur minhabba li tilfu l-fiducja fih. "*Mr.Caruana was not sending all of his placements to London-he was billing on his own. We decided that since the whole relatiopnship was based on trust then if we could not trust him anymore we needed to terminate the relationship."* Kien ghalhekk li bdew ifittxu huma biex jirrimpjazzaw lill-attur u ghazlu lill-Rudolphe Gaerty li kien wiehed mit-"*top billers"* taghhom. Meta sussegwentement l-attivita' ghaddiet f'idejn Gaerty, id-differenza kienet bhal "day from night" ghaliex id-dhul zdied drammatikament. Izda jirrizulta mix-xhieda ta' Lindberg li tant ma riedux ikollhom x'jaqsmu mal-attur, li spiccaw biex itterminaw l-attivita' taghhom f'Malta definittivament b'mod li kienet is-socjeta` konvenuta li tilfet u mhux l-attur.

L-attur ried jimplika f'din l-allegazzjoni malfondata lill-genituri ta' Rudolphe Gaerty izda injora l-fatt li dawn waqqfu socjeta` snin qabel il-

ftehim bejnu u bejn Rudolphe Gaerty. Din l-istess socjeta` biddlet biss l-isem. Lanqas jirrizulta, ghalhekk, li il-konjugi Gaerty b'kolluzjoni ma binhom, waqqfu socjeta` biex tagixxi ta' paraventu ghall-attivita' ta' binhom.

Din l-akkuza kontra l-konvenuti hija wahda gravi u serja u hu mistenni li l-attur jgib l-icken ombra ta' prova-haga li ma ghamilx.

Ghall-kuntrarju l-Qorti hija soddisfatta li r-relazzjonijiet kummercjali bejn MSI u s-socjeta` konvenuta waqqfu definitivament fl-14 ta' Frar 2000 u dan sehh indipendentement mill-volonta tas-socjeta` konvenuta jew ta' Rudolphe Gaerty (Ara l-ittra a fol.57, u x-xhieda ta' **Lindberg** stess fejn ikkonferma li mill-verifiki li ghamel hu stess, l-attur thallas u dan ukoll b'riferenza ghad-dokumenti ta' *reconciliation of accounts* esebiti a fol.364-385.) Zewg xhieda prodotti mill-attur **Chris Sacco** u **Karl Chetcuti Bonavia,** it-tnejn *account executives* mas-socjeta` konvenuta, ukoll ikkonfermaw li wara Jannar 2000 ma baqghux jahdmu taht il-*franchise* tal-MSI. Karl Chetcuti Bonavia, spjega li kellhom indikazzjonijiet li l-ferghat tal MSI kellha diffikultajiet mal-mattrici f'Londra u riedu jaqilghu dawn l-attivitajiet kummercjali "*Din kienet decizjoni tal-MSI u mhux ta' Rudolphe Gaerty."* Wara li l-attivita' giet itterminata minn MSI, "*konna nagixxu esklussivament bhala impjegati fl-interessi tal-kumpanija konvenuta."* Tant hu hekk li qal ukoll li "*Il-klijenti avzajnihom li ma konniex ghadna qeghdin nahdmu ma' MSI International."*

Rigward l-istruttura tal-attivita' kummercjali, jirrizulta mix-xhieda ta' Lindburg li d-data mehtiega kienet il-proprjeta' tas-socjeta` SCI U.K. inkluz il-*client database.*

Minhabba is-suespost, din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li b'effett mid-data tal-ittra ta' terminazzjoni, cioe` mill-14 ta' Frar 2000 is-socjeta` estera MSI temmet kull relazzjoni li kellha mas-socjeta` konvenuta u li minn dik id-data il-quddiem, l-attivita' kummercjali gestita mis-socjeta` konvenuta ma tista tkun bl-ebda mod relatata mal-attivita ta' MSI International. Din id-decizjoni kienet wahda li ttiehdet mis-socjeta` estera ghar-ragunijiet fuq spjegati, u indipendentement mill-volonta' u rieda tas-socjeta` konvenuta jew ta' Rudolphe Gaerty.

Ikkonsidrat li s-socjeta` R & R Enterprises Limited biddlet l-isem ghal dak tas-socjeta` konvenuta fis-17 ta' Marzu 2000, cioe` wara t-terminazzjoni li saret mis-socjeta` estera. Din is-socjeta` operattiva bl-isem il-gdid, ghalhekk, m'ghandha x'taqsam xejn mal-pretensjonijiet tal-attur naxxenti mill-iskrittura iffirmata bejnu u bejn Rudolphe Gaerty personalment. Inoltre l-attur ma ressaqx prova ta' agir frawdolenti da parti ta' Rudolphe Gaerty jew tal-genituri tieghu li jista' jwassal ghall-Qorti sabiex thares *wara the corporate veil* tas-socjeta` R & R Enterprises Limited biex tilqa' dak li qed jitlob l-attur. Kif jirrizulta mill-*reconciliation of accounts* a fol 365 *et seq,* imbaghad, il-Qorti hija soddisfatta li l-hlasijiet dovuti lill-attur kienu qed isiru mis-socjeta` estera direttament fil-kont tieghu. Ghalhekk ser **tilqa'** l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-Qorti hawnhekk trid ta' bilfors taghmel riferenza ghad-dokument ta' *riconciliation of accounts* ipprezentat mill-MSI u partikolarment ghal dak miktub a fol 369 tal-process fejn insibu s-segwenti kostatazzjonijiet mic-*Chief Financial Officer* tal-kumpanija estera (datat it-22 ta' Mejju 2001):

"*Seeing the hardship Paul's actions had caused Rudolphe Gaerty and his family, we felt it created a situation in Malta that was morally*

*untenable and unacceptable. Hence we unilaterally decided to withdraw the licence on the 14th February 2000. In doing so we severed all remaining ties in Malta.*

*We confirm that Rudolph Gaerty:*

- *Never received Cash in directly....*
- *Was never authorised to bill clients directly....*
- *Was only terminated in his functions as an agent because of Paul Caruana's irresponsible action leading to a situation that, from our stand point was morally untenable.*
- *Was never in control of funds due to Paul Caruana on Old activity....*
- *We confirm that clause 6 (of the agreement) was strictly adhered to by SCI directly....*
- *Was never sent 5% commissions due to Paul Caruana for New Activity which amounts SCI was delegated to send by Paul Caruana and Rudolphe Gaerty jointly (article 7 of the agreement) to the designated accounts of Paul Caruana directly as can be seen from the ' reconciliation accounts' enclosed.*
- *Was verbally informed of the termination on the 14th January 2000 giving him one month notice to wind down the operations of SCI. The effective date of the termination was agreed to be the 14th February 2000.*
- *Was released from his employment contractual obligations under SCI together with all employees on the 14th February 2000.*
- *Has fulfilled all the obligations in accordance to the agreement dated 16th June between Paul Caruana and Rudolphe Gaerty.*
  *SCI to its loss and regret, no longer holds any relationships with agents or intermediaries in the Maltese Islands."*

Dan iwassal ghall-Qorti biex tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tichad it-talbiet attrici billi ma ssibx li l-konvenut Rudolphe Gaerty personalment

jew *tramite* s-socjeta` konvenuta *Global Executive Search (malta) Limited* responsabbl ghal xi ghemil doluz.

Ikkonsidrat li *ai termini* tal-iskrittura privata tas-16 ta' Gunju 1997, id-drittijiet pretizi tal-attur ghall-hlas ta' *commissions* fuq *placements on new activity* huma necessarjament marbutin mal-kondizzjoni li r-relazzjonijiet kummercjali bejn Rudolph Gaerty u MSI International jissoktaw. Dan jirrizulta minn qari tal-kondizzjonijiet imfissra fil-kuntratt li huma cari fit-test u fl-import taghhom. Galdarba dawn ir-relazzjonijiet intemmu u intemmet il-licenzja ta' Gaerty biex jopera bhala agent ta' MSI, l-attur ma jistax jibqa' jippretendi li jithallas xi *commission* fuq dawn il-*placements.*

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **Tilqa'** l-eccezzjoni tal-konvenuti Ronald u Ondine Gaerty fis-sens li huma mhumiex il-legittimi kontraditturi ghat-talbiet attrici u konsegwentement tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju; **Tilqa'** l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta *Global Executive Search (Malta) Limited* fis-sens li mhix il-legittimu kontraddittrici ghat-talbiet attrici u konsegwentement tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju; **Tilqa'** l-eccezzjonijiet rimanenti tas-socjeta` konvenuta u **Tichad** l-ewwel, it-tieni u r-raba talbiet attrici billi dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

B'riserva lill-konvenuti ghal kull dritt lilhom spettanti skont il-Ligi.

L-ispejjez jithallsu mill-attur.

Il-Qorti tordna li l-kawza tissokta fuq it-talbiet rimanenti tal-attur u fuq it-talba rikonvenzjonali.

**Moqrija.**

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------